**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Gunju 2025**

**Rikors guramentat nru: 86 /2016 AGV**

**J Z bhala mandatarju generali tal-imsiefa JB**

**Vs**

**DB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors guramentat ta '  JZ  Bhala mandatarju generali ta l-imsiefra JB datat 20 ta' April 2016 fejn ippremetta s-segwenti :-**

1. Illi l-partijiet zzewgu nhar is-sitta ta' Awwissu tas-sena elf disa mija u disgha u disghin (06/08/1999) gewwa Malta (ara Dok A ) u minn dan iz-zwieg, il-kontendenti Borg, kellhom tifel minuri WB  li twieled nhar 8 ta' Frar tas-sena elfrejn (08.02.2000).

2. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli minhabba adulterju, vjolenza, swat, eccessi, minacci, sevizzi u theddid u offizi gravi fost affarijiet ohra validi fil-Ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibbli u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skont il-Ligi bi htija imputabbli unikament lill-konvenut.

3. Illi ghalhekk il-hajja konjugali m`ghadhiex aktar possibbli u dan minhabba nuqqasijiet imputabbli unikament lill-konvenut.

4. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu f' din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti datat ghaxra (10) ta' Marzu tas-sena 2016 (DOK B).

5. Il-fatti hawn dikjarati tafhom l-esponenti personalment.

Ighid ghalhekk il-konvenut ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni ghar-ragunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom vjolenza, swat, eccessi, minacci, sevizzi u theddid u offizi gravi li rrendew il-hajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli tant li l-esponenti t-tifel minuri kellhom jitilqu mid-dar matrimonjali ghas-sigurta' taghhom.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri WB f`idejn l-esponenti u dan kif jigi stabblilit minn din l-Onoorabbli Qorti.

3. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut ghal-attrici u ghal istess tifel minuri u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmi minuri jaghlaq tmintax-il sena jekk jieqaf mill-iskola u jibda jahdem bi qliegh jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk il-minuri jiddeciedi li jibqa' jistudja fuq bazi full-time u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvent mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li qed jipprecepixxi u jigi depozitat f 'kont bankarju indikat mill-esponenti. Tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipprecepixxi manteniment minghand l-esponenti.

4. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha relatati mas-sahha u edukazzjoni tal-istess minuri.

5. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigi maqsuma f' zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti liema porzjonjiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut u dan okkorendo b`opera ta' perit nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali jew parafernali tal-attrici hekk kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestiwixxi lill-attrici tali beni dotali jew parafernali taghha u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.

8. Tappunta kuratur sabiex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-atti ta divorzju relattiv f`jum hin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.

9. Tappunta espert komputista sabiex jirrelata dwar id-djun ezistenti u l-assi ezistenti.

10. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra r-Registru Pubbliku ta' Malta, l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kollha inkluz dawk tal-Ittra ta' Medjazzjoni kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Risposta Guramentata ta' DB datata 9 ta' Mejju 2016 fejn eccepiet is-segwenti:-**

**Illi** l-esponent ma jaqbilx mall-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet imressqa minn martu fir-rikors guramentat taghha, liema huma invertieri u nfondati ghal kollox kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza, l-esponent jirriverti minn issa li jressaq xhieda in sostenn.

Illi fir-rigward tat-talbiet l-esponent jissottometti s-segwenti:-

1. Illi huwa ma joggezzjonax ghall-ewwel talba ta' martu u dan limtitatament ghad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet izda mhux ghat-tortijiet imputabbli lilu stante li r-ragunijet ghat-tkissir taz-zwieg b`mod irrimedjabbli huma esklussivament lilha u dan hekk kif ser jidher fil-mori tal-kawza.

2. Illi l-esponenti qed jopponi ghat-tieni talba li l-kura u l-kustodja tal-minuri W B tigi fdata f`idejn r-rikorrenti esklussivament huwa bhala l-missier ihoss li l-kura u l-kustodja tal-ulied ghandha tkun kongunta

bejn il-partijiet bi dritt ta' access ampju inkluz l-*isleepovers* lejn l-esponent. Bhala stat ta' fatt l-esponent ghandu relazzjoni ferm tajba mal-minuri li sikwit jigi wahdu jara lill-missier gewwa l-Gzejjer Maltin.

3. Illi l-esponenti jopponi ghat-talba li jhallas manteniment ghal martu u dana stante li martu dejjem hadmet u ghandha salarju tajjeb hafna kif ser jigi ippruvat li kienet ir-rikorrenti martu li tat lok ghall-kawza ta' separazzjoni u kienet l-istess martu illi bl-agir taghha iddekadiet mid-dritt illi titlob ghall-istess manteniment.

   Illi l-esponenti m`ghandux diffikulta li jmantni lill ibnu sakemm jibqa' jistudja fuq bazi *full-time* sal-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena u dana skond il-mezzi u qliegh tieghu liema manteniment ghandu jirrifletti c-cirkostanza finanzjarji tal-esponent. Madankollu l-esponent jopponi illi l-manteniment ghandu jinqata' direttament mis-salarju tieghu u dana l-ghaliex kif ser jigu ppruvat fil-mori tal-kawza huwa dejjem kien puntwali fil-pagamenti tieghu kollha inkluz dawk ta' hlasijiet ta' *loans* li sal-lum ghadu jerfa wahdu.

   L-esponent joggezzjona wkoll ghall-ahhar parti tat-tielet talba cioe' ghad-dikjarazzjoni illi huwa iddekada mid-dritt li jitlob jew jeccepixxi manteniment minghand martu kif ser jirrizulta mill-provi li ser jitressaq l-esponent ma huwiex ta' dekadenza fid-dritt tieghu f'dan ir-rigward.

4. Illi l-esponent joggezzjona wkoll ghar-raba' talba tar-rikors guramentat u dana stante illi tali spejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-iben m`ghandhomx ikunu akkolti totalment u unikament lilu izda ghandhom jigu ssopportati bejn il-partijiet fi kwoti indaqs bejniethom.

5. Illi l-esponent ma jsibx oggezzjoni ghal-hames talba ta' martu fuq ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti salv ghall-fatt li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li t-tort ghat-tkissir taz-zwieg hu imputabbli esklussivament lill-mara u mhux lill-esponent u meta tasal sabiex tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti tqies minn meta r-rikorrenti kienet hatja tal-firda u tkissir irrimedjabbli taz-zwieg u tippenalizza lill-istess.

6. Illi l-esponent qieghed jopponi ghas-sitt talba ta' martu u dan stante li m`hemm l-ebda raguni biex jigi applikati fil-konfront tieghu l-Artikolu 48 set tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u se mai dawn ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-attrici innfisha.

7. Illi fir-rigward tas-seba' talba sta ghar-rikorrenti biex tipprova l-ezistenza ta' kwalsiasi assi parafernali u jew dotali u minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk l-skond artikolu 1320 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. L-esponent ma jopponix ghat-tmien talba tar-rikorrenti martu b`dana illi kuratur ghandu jitqabbad ukoll ghall-eventwali kontumacja tar-rikorrenti innfisha fuq l-att ta' divizjoni.

9. L-esponent ma jopponiex ghad-disa' talba tar-rikorrenti martu b`dana illi l-ispejjez in konnessjoni mal-istess ghandhom jigu sapportati ugwalment bejniethom.

10. Illi l-esponenti lanqas ma joggezzjona ghall-ghaxar talba ta' martu illi tigi awtorizzatat sabiex tirregistra l-eventwali sentenza ta' separazzjoni fir-Registru Pubbliku.

11. Illi finalment l-esponent jopponi wkoll ghall-ispejjez kollha tal-procedura odjerna.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.**

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ukoll li dina l-kawza miexja mal-kawza fl-ismijiet **DB vs JB Rik. Nru. 62/2016** u ghalhekk kwalsiasi provi u decizjonijiet hemm mehudha minn dina l-Qorti japplikaw in toto ghal dina l-kawza odjerna.

**<u>DECIDE:</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti minhabba sevizzi u eccessi kommessi da parti tal-konvenut, tant li rendew il-hajja impossibbli u li jaghtu lok ghal

separazzjoni skond il-ligi u bi htija imputabbli kwantu ghal terz lill-attrici u zewg terzi lill-konvenut.

2. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tat-tieni, it-tielet u r-raba' talba stante li llum binhom sar maggorenni.
3. Tilqa' l-hames talba attrici u tordna li tigi xolta u tterminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwidaha skond ma giex deciz iktar 'l fuq l-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."
4. Tichad is-sitt talba attrici, stante li ma jezistux l-estremi li jikkonvincu lil dina l-Qorti li ghandha tordna l-applikazzjoni tal-Artikoli 48, 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Tilqa' s-seba' talba attrici limitatament biss sa fejn applikabbli u skond ma' gie deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."
6. Tilqa' t-tmien talba biss jekk ikun il-kaz.
7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina d-disa' t-talba stante li qatt ma saret talba ad hoc mill-partijiet fil-mori tal-kawza.
8. Tilqa' l-ghaxar talba u tawtorizza lill-attur nomine sabiex jirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

L-ispejjes ghandhom jigu sopportati in kwantu terz ghall-attur nomine u zewg terzi ghall-konvenut.

**Onor.Imhallef Dr.Anthony Vella** **Registratur**